**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. HENRY JAMES PEARSALL**

**Illum 11 ta' Ottubru 2016**

**Rikors Numru 56/15**

**Simona De Giovanni**

**Vs**

**Ministeru ghall-Finanzi**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Simona De Giovanni** ipprezentat fit-23 ta' Ottubru 2015 li permezz tieghu ippremettiet s-segwenti:-

*"*

1. *Illi dan huwa appell ai termini tar-Regolament 4(11) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur);*

2. *Illi l-esponenti applikat ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa tar-registrazzjoni fuq vettura bil-mutur tat-tip Ferrari 599 GTB Fiorano bin-number plate RT134D, skont l-Artikolu 19 tal-Kap 368 (Att Dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur) u Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01;*

3. *Illi l-esponenti ressqet provi illi l-imsemmija vettura hija l-vettura privata taghha u li kienet tikwalifika sabiex tiġi ezentata mill-hlas ta' taxxa tar-registrazzjoni fuq din il-*

*vettura u dan kif sejjer jigi ppruvat fil-mori tal-kawza permezz ta' dokumenti addizzjonali;*

4. *Illi f'Lulju ta' l-2014, flimkien ma' zewgha, l-esponenti bdiet taghmel l-arrangjamenti mehtiega sabiex titrasloka lejn Malta bill-hsieb li tistabilixxi ir-residenza normali taghha f'pajjizna u fil-25 ta' Marzu 2015 inghatat certifikat mill-municipalita ta' Napli, fejn sa dak iz-zmien hija kellha r-residenza normali taghha, li permezz tieghu giet ikancellata mir-registru tal-Municipalita ta' Napli u giet registrata bhalha residenti ta' Malta (ara kopja ta' l-imsemmi certifikat hawn anness bhala Dokument 'B');*

5. *Illi fit-30 ta' Lulju 2015 l-esponenti applikat sabiex il-vettura surreferita tingieb permanentement f'Malta u tinghata ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni abbazi ta' l-artikolu 19(3)(f) tal-Kap 368;*

6. *Illi fit-13 ta' Awissu 2015 l-esponenti rceviet email minn ghand is-sur Francis Attard, ufficjal fil-Ministeru ghall-Finanzi, b'referenza ghall-applikazzjoni surriferita fejn l-esponenti giet mitluba taghmel xi kjarifiki dwar xi dokumenti li kienet issottmettiet ma l-applikazzjoni u biex tipprovdi xi informazzjoni addizzjonali li ma kienetx intliet fl-applikazzjoni (ara kopja ta' l-imsemmija email hawn annessa bhala Dokument 'C');*

7. *Illi fil-21 ta' Awissu 2015 l-esponenti irrispondiet l-email ta' s-sur Francis Attard fejn provdiet l-informazzjoni mitluba u kjarifikat illi hija giet tirrisjedi f'Malta f'Marzu ta' l-2015 u li qabel dan iz-zmien hija kienet, sa mit-twelid, residenti f'Napli, fl-Italja. (ara kopja ta' l-imsemmija email hawn annessa bhala Dokument 'D');*

8. *Illi minkejja tali applikazzjoni u l-kjarifki provduti permezz ta' l-email surrifferita, l-esponenti giet infurmata mill-Ministeru ghall-Finanzi, permezz ta' ittra datata 5 ta' Ottubru 2015 li l-applikazzjoni taghha (MF 42/09/1636) ghal tali ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni ma setghetx tigi accettata mill-Ministeru intimat u dana abbazi ta' regolament 4(3)(d) ta' l-Avviz legali 440 ta' l-2013 (ara kopja tal-imsemmija ittra hawn annessa bhala Dokument 'A');*

9. *Illi l-esponenti hasset ruhha aggravata b'din id-decizjoni u ghaldaqstant qeghdha tinterponi dan l-umli appell minn tali decizjoni quddiem dan it-Tribunal entro t-terminu stabbilit mill-ligi;*

10. *Illi l-esponenti hija barranijja u tixtieq li dawn il-proceduri jigu maghmula bl-Ingliz.*

***L-Aggravju***

11. *Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'dan li gej:*

i. *Illi fl-ewwel lok jirrizulta car illi l-Ministeru ghall-Finanzi ma hax konjizzjoni ta' l-informazzjoni kollha li provdiet l-esponenti, filwaqt li ghamel evalwazzjoni hazina tad-dokumenti li gew prezentati lilu, b'rizultat li silet konkluzzjonijiet li mhux necessarjament kienu jsegwu minn tali dokumenti. Ghalkemm l-istess Ministeru talab ghal kjarifiki u informazzjoni ulterjuri minghand l-applikanta b'rabta mad-dokumenti li kienu gew sottomessi minnha, il-Minsteru jidher li ma hax konjizzjoni ta' dawn il-kjarifiki u xorta wahda lahaq konkluzzjonijiet li huma ghal kollox skoretti.*

ii. *Illi fid-decizjoni tal-5 ta' Ottubru 2015, il-Ministeru ghall-Finanzi semplicement sostna li t-talba ta' l-esponenti giet michuda peress li skond ir-regolament numru 4(3)(d) tal-Avviz Legali 440 ta' l-2013: "Biex vettura tkun tista' tikkwalifika ghal ezenzjoni taht is-subregola (1) l-applikazzjoni biex il-vettura tigi ezentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jiehu r-residenza normali tieghu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data";*

iii. *Illi madankollu, f'tali decizjoni, il-Ministeru tal-Finanzi ma identifikax ezattament liema kriterju jew rekwizit ma giex (allegatament) sodisfatt fil-kaz tal-esponenti, ossia jekk l-applikazzjoni kienitx saret wara it-terminu stabbilit jew qabel il-perjodu ta' xahrejn minn meta l-appplikant jiehu r-residenza normali tieghu f'Malta. Dan minnu nnifsu jpoggi lill-esponenti fl-impossibilita` li tiddefendi ruhha adegwatament billi ma nghatatx raguni cara ghalfejn l-applikazzjoni taghha ma gietx milqugha u kwindi tinsab zvantaggjata anke ghall-fini biex tintavola l-prezenti appell. B'hekk l-esponenti ma hiex qieghda f'pozizzjoni li tissalvagwardja d-drittijiet taghha sufficjentement minhabba illi l-bazi tal-appell taghha ma tistax ikollha c-certezza dwar x'kunsiderazzjonijiet ha jew naqas li jiehu l-appellat fid-deliberazzjoni tieghu qabel ma wasal ghar-rifjut tal-applikazzjoni tal-esponenti. Ghaldaqstant id-decizjoni appellata hija nulla u minghajr ebda effett fil-ligi minhabba illi tikser il-principji ta' gustizzja naturali fil-konfront tal-esponenti u tonqos ukoll li taghti ragunijiet sufficjenti ghall-istess decizjoni li jippermettu lill-esponenti li tirrispondi ghall-istess, u dan anke bi ksur tad-dritt fondamentali tal-esponenti ghal smigh xieraq. Id-decizjoni appellata hija ghalhekk nulla, invalida u minghajr ebda effett fil-ligi stante li ma kinitx motivata jew ma kinitx sufficjentement motivata, liema nuqqas jissarraf f'cahda lill-esponenti tad-dritt taghha ta' smigh xieraq u tal-principji ta' gustizzja naturali.*

i. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-decizjoni appellata hija zbaljata u applikat il-ligi hazin ghall-fatti in kwistjoni billi, fil-fehma ta' l-esponenti, il-kriterji kollha rikjesti mir-regolament relattiv gew sodisfacentement ippruvati minnha stante li gie ppruvat li l-esponenti trasferrixit r-residenza normali taghha ghal Malta* ***f'Marzu ta' l-2015*** *u ghaldaqstant l-applikazzjoni taghha ghall-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni kienet saret fit-terminu stipulat*

*mir-regolament, kif jikkonfermaw id-dokumenti u l-email prezentati lill-Ministeru tal-Finanzi. Ghal xi raguni jew ohra pero dawn id-dokumenti u l-kjarifikazzjonijiet li saru permezz ta' l-email gew injorati, u dan kif sejjer jirrizulta aktar ampjament fit-trattazzjoni ta' dan l-appell. Inoltre l-ebda wahda mic-cirkostanzi msemmija fir-Regolament 4(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 ma hi riskontrata f'dan il-kaz. Kwindi l-vettura msemmija kellha tigi ezentata mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni billi kienet tikkwalifika ghal tali ezenzjoni skond il-ligi. B'Konferma ta' s-suespost, ghal kull buon fini, l-esponenti qed tipprezenta dokumenti flimkien ma' dan ir-rikors ta' l-appell li qed jigu mmarkati Dok 'A' sa Dok 'I' filwaqt li tirriserva li tipprezenta dokumenti ohra ulterjuri waqt it-trattazzjoni ta' din il-vertenza kif ukoll taghmel referenza ghal dokumenti ohra li gia gew sottomessi minnha ma' l-ipprocessar ta' din l-applikazzjoni taghha tal-Ministeru ntimat, u li ghadhom jinsabu fil-file relattiv.*

***Talba***

*12. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti u ghar-ragunijiet kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponenti – filwaqt li taghmel riferenza ghall-provi kollha migjuba minnha quddiem il-Ministeru intimat u ghall-provi kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell qeghda titlob umilment lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jhassar u jirrevoka ddecizjoni tal-appellat Ministeru ghall-Finanzi moghtija fl-ittra datata 5 ta' Ottubru 2015 fejn l-istess Ministeru cahad it-talba ghall-ezenzjoni taht l-Artikolu 19 tal-Kap 368 u r-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 b'riferenza ghall-vettura tat-tip Ferrari 599 GTB Fiorano bin-number plate RT134D, u minflok jaghti l-ezenzjoni mitluba, u dana salv kwalsijasi provvediment iehor li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq u opportun, u bl-ispejjez kontra l-intimat."*

Ra r-risposta tal-**Ministeru tal-Finanzi**ipprezentata fis-7 ta' Marzu 2016 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *Illi l-esponent sejjer bil-prezenti risposta, iwiegeb ghar-rikors tal-appell interpost minn Simona De Giovanni li permezz tieghu talbet lil dan it-Tribunal sabiex ihassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Ministru appellat datata 5 ta' Ottubru 2015 fejn l-istess Ministru cahad it-talba ghall-ezenzjoni taht l-artikolu 19 tal-Kap 368 u r-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 b'riferenza ghall-vettura tat-tip Ferrari 599 GTB Fiorano bin-number plate RT134D, u minflok jaghti l-ezenzjoni mitluba;*

2. *Illi l-appell devolut quddiem din l-Onorabbli Qorti huwa mfassal fuq zewg ilmenti u cioe` li fid-decizjoni tieghu datata 5 ta' Ottubru 2015 (Dok A) l-esponent Ministru:*

    i. *Naqas milli jimmotiva l-istess decizjoni billi ma identifikax liema kriterju jew rekwizit ma giex (allegatament) sodisfatt fil-kaz tar-rikorrenti appellanti, ossia*

*jekk l-applikazzjoni kinitx saret wara t-terminu stabbilit jew qabel il-perjodu ta' xahrejn minn meta l-applikant jiehu r-residenza normali tieghu f'Malta;*

ii. *Ghamel applikazzjoni hazina tal-ligi u naqas milli jevalwa sew id-dokumenti u l-kjarifiki provduti mill-appellanti Simona De Giovanni billi, fil-fehma tal-esponenti, il-kriterji kollha rikjesti mir-regolament relattiv gew sodisfacentement ippruvati stante li gie pruvat li l-esponenti trasferiet ir-residenza normali taghha ghal Malta f'Marzu 2015 u ghaldaqstant l-applikazzjoni taghha ghall-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni saret fit-terminu stipulat mir-regolament, kif jikkonfermaw id-dokumenti u l-email prezentati lill-esponenti;*

3. *Illi fuq l-ewwel kwistjoni posta mill-appellanti, l-esponenti jirrileva li, diversament minn dak kontez mir-rikorrenti, mid-decizjoni moghtija mill-esponent permezz ta' ittra datata 5 ta' Ottubru 2015 huwa facilment possibbli li wiehed jirrikava r-raguni wara d-decizjoni mehuda u cioe` li l-appellanti ma tissodisfax il-kwezit post fir-regolament 4(3)(d) tal-L.S. 368.01;*

4. *Illi ghalhekk, tali decizjoni bl-ebda mod ma tista' titqies li hija nieqsa mir-rekwizit tal-motivazzjoni gusta ghar-raggungiment tar-ratio decidendi;*

5. *Illi difatti l-appellanti tant fehmet ir-raguni wara tali decizjoni li hija prezentat appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva permezz ta' liema hija kkontestat il-bazi tar-rifjut tal-applikazzjoni sottomessa minnha fid-29 ta' Lulju 2015 (ara applikazzjoni annessa u mmarkata Dok B) u cioe` li hija trasferiet ir-residenza normali taghha ghal Malta f'Marzu 2015 jigifieri entro t-terminu impost taht ir-regolament 4(3)(d) tal-L.S. 368.01;*

6. *Illi gie kemm-il darba rilevat li, ghall-iskop li jkun adempit l-obbligu tal-motivazzjoni intelligibbli, mhuwiex necessarju li tali motivazzjoni tkun wahda bilfors elaborata, u tista', anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista' tigi ndividwata r-raguni li titqieghed abbazi tad-decizjoni (ara f'dan is-sens is-sentenza moghtija fis-6 ta' Ottubru 2010 minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Ronnie Gauci vs Direttur tas-Sigurta` Socjali);*

7. *Illi kif korrettement enuncjat fis-sentenza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Joseph Mercieca vs Water Services Corporation datata 27 ta' Frar 2009, "f'adempiment tal-obbligu tal-motivazzjoni l-gudikant mhux tenut li joqghod jaghmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha processwali jew tal-punti kollha ta' dritt izda sufficjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qieghed jiffonda d-decizjoni tieghu". Din il-fehma giet ukoll affermata mill-Qorti tal-Appell kolleggjali fis-sentenza Frank P. Borg Limited vs Joseph Camilleri deciza fit-28 ta' Mejju 2010;*

8. *Illi kif diga' gie ribadit, hu ben car mill-korp tad-decizjoni appellata li l-konvinciment tal-esponent kien imsejjes fuq il-konsiderazzjoni li l-appellanti naqset milli tissottometti l-applikazzjoni taghha fi zmien xahrejn qabel u tnax-il xahar wara d-data li fiha hadet ir-residenza taghha f'Malta hekk kif jesigi l-imsemmi regolament 4(3)(d) tal-L.S. 368.01;*

9. *Illi di piu`, kif gie accennat ukoll fis-sentenza Charles Schembri vs Direttur tas-Sigurta` Socjali deciza fit-30 ta' Jannar 2009 minn din il-Qorti diversament presjeduta, "l-kaducita` ta' sentenza hi haga serja hafna u allura, mhux bizzejjed li appellanti li jkun behsiebu jilmenta minn difett ta' motivazzjoni jillimita c-censura tieghu b'mod generiku minhabba allegata inadempjenza formali tas-sentenza mal-vot tal-ligi. Huwa jehtieglu invece juri fil-konkret illi ssubixxa lezjoni. Dan billi jiddemosta fl-ispecifiku illi kontrarjament ghal dak irragunat mill-gudikant jew mill-arbitru, fil-kwadru valutativ tal-elementi probatorji, ma kienx hemm raguni li tiggustifika l-konvinciment espress".*

10. *Illi taht dan il-profil, ghall-kuntrarju ta' dak kontez mill-appellanti, il-formazzjoni tal-konvinciment mill-esponent hu wiehed idoneju u kongruwement sostenibbli u ghaldaqstant jissodisfa r-rekwiziti tal-artikolu 218 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkonforma pjenament mal-principji tal-gustizzja naturali;*

11. *Illi ghalhekk l-ewwel ilment ghandu certament jigi respint;*

12. *Illi a rigward it-tieni lment l-esponent jirrileva li ladarba fl-adempiment minnha tal-obbligu mpost fuqha permezz tar-regolament 4(6) tal-L.S. 368.01 l-appellanti ddecidiet tipproduci d-dokument ta' residenza li nhareg fl-20 ta' Gunju 2014 bhala prova ta' meta hija bdiet toqghod Malta, l-esponent Ministru kellu ndubjament jipprocessa l-applikazzjoni fit-termini tar-regolament 4(7) tal-L.S. 368.01, fid-dawl ta' tali prova;*

13. *Illi ma jistax ikun li l-esponent jagixxi kif qed tippretendi l-appellanti, u cioe`, li jiskarta d-dokument ta' residenza prodott minnha stess, liema dokument jiddikjara li hi hadet ir-residenza f'Malta fl-20 ta' Gunju 2014 u jiehu konjizzjoni tac-certifikat mahrug mill-Municipalita` ta' Napli fl-Italja;*

14. *Illi tassew ma jistax jitqies mill-veru u anzi m'hemm l-ebda logika f'dak imtenni mill-appellanti fl-email taghha mibghuta lil Francis Attard fil-21 ta' Awwissu 2015 immarkat bhala Dok D fl-appell sottomess minnha u cioe` li meta applikat u rceviet id-dokument ta' residenza f'Malta hija kienet ghadha tghix l-Italja;*

15. *Illi ladarba l-applikazzjoni tal-appellanti ghad-dokument ta' residenza f'Malta giet milqugha tant li nhargilha d-dokument ta' residenza, bla dubju jfisser li l-appellanti bilfors kienet diga' akkwistat ir-residenza taghha f'Malta sa mill-inqas mill-20 ta' Gunju 2014;*

16. *Illi ghalhekk isegwi li l-appellanti ma ssodisfatx ir-rekwizit impost taht ir-regolament 4(3)(d) tal-L.S. 368.01 stante li hija naqset milli tissottometti l-applikazzjoni taghha fi zmien xahrejn qabel u tnax-il xahar wara l-20 ta' Gunju 2014 liema data hija dik li fiha fil-fatt hadet ir-residenza normali taghha f'Malta;*

17. *Illi r-regolament 5(1)(a) tal-L.S. 368.01 jippreskrivi li "L-ezenzjoni ... m'ghandhiex tinghata meta – (a) il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux issodisfaw ir-rekwiziti stabbiliti taht is-subregola (3)". Ghaldaqstant ladarba l-appellanti ma ssodisfatx ir-rekwizit stabbilit fl-imsemmi regolament 4(3)(d), l-esponent kien obbligat taht dan ir-*

*regolament li ma jaghtix l-ezenzjoni kif fil-fatt hekk ghamel permezz tad-decizjoni hawn attakkata;*

18. *Illi fid-dawl tal-principji legali u fattwali suesposti johrog car li l-ezercizzju diskrezzjonali tal-Bord mahtur mill-esponent fl-evalwazzjoni minnu tal-applikazzjoni mressqa mir-rikorrenti ma jista' bl-ebda mod jitqies vizzjat minn attitudni errata. Anzi kien id-dmir tal-istess Bord li ma jhallix lir-rikorrenti tapprofitta ruhha, meta ma tikkwalifikax mill-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni tal-vettura taghha taht l-artikolu 19(3)(f) tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta;*

19. *Illi jfisser ghalhekk li l-appellanti ma tistax tippretendi li dan l-Onorabbli Tribunal jerga' jidhol fuq il-valutazzjoni tal-provi li ghamel l-esponent u dan skont gurisprudenza konkordi li sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi li f'dan il-kaz ma jokkorrux il-valutazzjoni tal-provi hi kwistjoni rimessa lill-gudikant, f'dan il-kaz l-esponent, fil-mertu tar-rizultanzi probatorji tal-kaz. Ghaldaqstant tali valutazzjoni ma tistax tigi disturbata lanqas minn qorti ta' revizjoni;*

20. *Illi jsegwi għalhekk li anke dan l-ilment ma hu sostenibbli xejn u għalhekk għandu jiġi miċħud."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti,[1] ta' Francis Attard[2] u ta' Derek Camilleri;[3]

Ra l-affidavit ta' Vincenzo Cocozza,[4] ta' Marco Megna,[5] ta' Damiano Cocozza,[6] u ta' Umberto Cocozza;[7]

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

---

[1] A fol. 97 sa 102
[2] A fol. 89 sa 96
[3] A fol. 139 sa 143
[4] A fol. 125
[5] A fol. 126
[6] A fol. 127
[7] A fol. 128

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassitha aggravata b'decizjoni mahruga mit-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "Il-Bord") datata 5 ta' Ottubru 2015 li permezz taghha giet mgharrfa bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01)*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under rule 4(3)(d) which stiuplates that "the vehicle is declared for exemption not earlier than two months before the date on which applicant becomes normally resident in Malta and not later than twelve months following that date".*

*You have the right to appeal from this decision, within 21 days from the date of this decision, before the Administrative Review Tribunal in accordance with the provisions of the Administrative Justice Act (Cap. 490) and regulations in terms of the Act. A copy of this procedure is attached."*[8]

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-bazi tar-rifjut tal-Bord tinsab fir-Regolament 4 (3) (d) tal-Avviz Legali 440 tal-2013 li jghid is-segwenti:-

***"(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika ghall-ezenzjoni taht is-subregola (1):***

***(d) l-applikazzjoni biex il-vettura tigi ezentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jiehu r-residenza normali tieghu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data."***

Illi r-rikorrenti xehdet illi f'April 2014 hija u zewgha bdew jahsbu biex jitrasferixxu rwiehhom Malta, billi anke jorganizzaw in-negozju taghhom hawn Malta. Tghid illi hija kienet gabet il-permess ta' residenza f'Gunju 2014 peress li riedu jibdew jorganizzaw ix-xoghol taghhom hawn Malta. Tispjega illi hija waqfet tahdem fl-Italja f'Marzu 2015 pero` xtrat id-dar taghha hawn Malta f'Jannar 2015. Tghid li f'Marzu 2015 inhargilha c-certifikat tal-*Associazione Italiani Residenti Estero* (AIRE) u cioe` giet kancellata mill-Italja. Ir-raguni ghala applikat ghall-ezenzjoni f'Lulju 2015 kien illi ssubiet incident f'saqajha fl-Italja u kellha bzonn il-gibs u baqghet gewwa l-Italja ghal sittin gurnata. Tghid li l-vettura li applikat ghall-ezenzjoni fuqha mhix hawn Malta u li meta

[8] Vide Dok A a fol. 6

kienet applikat ghar-*residence card* hija kienet tinzel regolari hawn Malta biex torganizza l-affarijiet.

Ir-ragel tar-rikorrenti, it-tifel taghha, it-tifel tar-rispett taghha u ex-kollega taghha kollha kkonfermaw fl-affidavit taghhom illi r-rikorrenti kienet qieghdha l-Italja minn April sa Gunju 2015 tirrikovera minn ksur fl-irkoppa.

**Frans Attard**, ufficjal tal-Ministeru intimat u l-persuna li tivvettja l-applikazzjonijiet qabel jigu mghoddija lill-Bord, spjega illi fit-13 ta' Awissu 2015 kien baghat e-mail lir-rikorrenti li tinsab esebita bhala Dok C mar-rikors promutur, fejn talabha ghal xi informazzjoni peress li kienet thalliet nieqsa mill-applikazzjoni. Din l-informazzjoni kienet tinkludi t-tul ta' residenza barra minn Malta, x'xoghol kienet taghmel ir-rikorrenti barra minn Malta u wkoll il-polza tal-assikurazzjonji tal-vettura. Huwa kien talabha wkoll kjarifika dwar id-data meta hadet ir-residenza taghha hawn Malta in vista tal-fatt li l-permess ta' residenza inhareg f'Gunju 2014. Fil-fatt ir-rikorrenti kienet irrispondiet permezz ta' e-mail datata 21 ta'Awissu 2015 fejn spjegat illi hija kienet hadet ir-residenza taghha hawn Malta f'Marzu 2015. Jispjega illi jekk persuna ma jkollhiex *residence card*, il-Bord jesigi illi almenu l-applikant ikun applika ghal tali permess.

**Derek Camilleri**, ufficjal tal-Agenzija Identity Malta, spjega illi fil-kaz in kwistjoni r-rikorrenti kienet talbet permess ta' residenza minhabba xoghol. L-Agenzija, da parti taghha, titlob minghand l-applikant certifikat tal-Korporazzoni ta' Xoghol u Tahrig, kuntratt tal-kirja tar-residenza u l-passaport. Huwa stqarr illi biex jinhareg permess ta' residenza l-applikant irid ikun jghix Malta. Jghid li l-ewwel residenza li kellha r-rikorrenti kienet f'post bil-kera pero` eventwalment bidlet l-indirizz. Mistoqsi jekk l-Agenzija taghmilx xi verifiki jekk l-applikant ikunx irrisjeda f'Malta mija u hamsa u tmenin gurnata, ix-xhud wiegeb li le.

Illi esposti l-fatti, it-Tribunal ihoss li ghandu jidhol l-ewwel fit-tielet aggravju tar-rikorrenti, u cioe`, illi d-decizjoni appellata hija nulla, invalida u minghajr ebda effett fil-ligi stante li ma kinitx motivata jew ma kinitx sufficjentement motivata.

Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak rilevat minn H.W.R. Wade u C.F. Forsyth fil-ktieb "Administrative Law" (10th Edition) fejn jinghad illi "*the principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that*

*reasons should be given for decisions. Nevertheless there is a strong case to be made for the giving of reasons as an essential element of administrative justice. The need for it has been sharply exposed by the expanding law of judicial review, now that so many decisions are liable to be quashed or appealed against on grounds of improper purpose, irrelevant considerations and error of law of various kinds. Unless the citizen can discover the reasoning behind the decision, he may be unable to tell whether it is reviewable or not, and so he may be deprived of the protection of the law. A right to reasons is therefore an indispensable part of a sound system of judicial review. Natural justice may provide the best rubric for a healthy discipline for all who exercise power over others. … Given that statute now frequently requires reasons or it is clear that the common law requires reasons, disputes often concern whether the reasons given are adequate. In the leading case the House of Lords has said that: "The reasons for a decision must be intelligible and they must be adequate. They must enable the reader to understand why the matter was decided as it was and what conclusions were reached on the 'principal important controversial issues', disclosing how any issue of law or fact was resolved. Reasons can be briefly stated, the degree of particularity required depending entirely on the nature of the issues falling for decision. The reasoning must not give rise to a substantial doubt as to whether the decision-maker erred in law, for example by misunderstanding some relevant policy or some other important matter or by failing to reach a rational declaration on relevant grounds. But such adverse inference will not readily be drawn. The reasons need refer only to the main issues in the dispute, not to every material consideration … Decision letters must be read in a straightforward manner, recognizing that they are addressed to parties well aware of the issues involved and the arguments advanced [South Bucks District Council v. Porter (No.2) (2004) UKHL 33, (2004)]."* Ghalkemm dan il-principju gie enuncjat fid-Dritt Amministrattiv Ingliz, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li japplika wkoll ghas-sistema amministrattiva lokali. Ghalhekk ikun ferm siewi li d-decizjoni tal-Bord titfa' dawl fuq is-sustanza tar-rifjut u mhux semplicement taghmel referenza ghal Regolament u ticcita l-istess, liema Regolament f'dan il-kaz kellu zewg ragunijiet li setghu wasslu lill-Bord jasal ghad-decizjoni tieghu u cioe` l-kwistjoni jekk ir-rikorrenti setghetx tigi meqjusa li ttrasferiet ir-residenza normali taghha hawn Malta u/jew jekk ghaddiex it-terminu preskritt sabiex tigi sottomessa l-applikazzjoni. Ghalhekk, huwa awspikabbli li r-raguni specifika fuq liema dik id-decizjoni tkun ibbazata tigi indikata b'mod li ma jhalli l-ebda dubju f'mohh dak li jkun irid jappella mill-istess decizjoni. Illi issa fil-kaz in kwistjoni, kif gia inghad, dan it-Tribunal jista' jinnota mill-inqas zewg

ragunijiet li jaghtu lok ghar-rifjut tal-ezenzjoni fir-Regolament 4 (3) (d) citat fid-decizjoni appellata. Dawn iz-zewg ragunijiet jistghu ikunu kemm kumulattivi, u cioe` l-applikant ma jkun issodisfa l-ebda kriterju, jew inkella jista' jkun li l-applikant ma jkunx issodisfa xi wiehed biss mill-kriterji rikjesti. Ghalhekk dan it-Tribunal jerga' jenfasizza li jkun xieraq li l-Bord ikun aktar specifiku meta jigi biex jirrifjuta applikazzjoni u ma jaghmilx biss referenza generika ghall-artikolu tal-ligi u citazzjoni tal-istess bhala l-bazi tar-rifjut tieghu. B'danakollu, dan it-Tribunal ma jhossx li d-decizjoni odjerna ghandha tigi revokata peress li mir-rikors promutur jidher li r-rikorrenti fehmet sew il-bazi tar-rifjut tal-applikazzjoni, pero` huwa xieraq li decizjoni ta' rifjut mahruga mill-Bord tkun iktar specifika u informattiva milli jigi indikat biss taht liema Regolament giet rifjutata l-applikazzjoni. Madankollu dan it-Tribunal ma jistghax ma josservax illi l-istess Bord ghamel pass pozittiv minn kif kienu qed jigu redatti d-decizjoniet fil-passat, fejn kien jigi biss indikat ir-regolament tal-ligi li abbazi tieghu l-applikazzjoni kienet tigi michuda.

**Illi sorvolata l-kwistjoni tan-nullita`, it-Tribunal se jezamina l-mertu tal-appell, u cioe`, l-kwistjoni dwar meta r-rikorrenti ittrasferiet ir-residenza normali taghha hawn Malta.** Hija tiddikjara kemm fix-xhieda taghha quddiem dan it-Tribunal u anke fir-risposta elettronika li bghatet lil Frans Attard illi t-trasferiment tar-residenza taghha sar f'Marzu 2015. Min-naha l-ohra il-Bord ma qabilx ma' din id-data ghaliex sahaq illi hija kienet ilha residenti hawn Malta mill-inqas mis-sena 2014 tant illi anke kisbet il-permess ta' residenza f'Gunju tal-istess sena. Min-naha l-ohra ir-rikorrenti tirribadixxi illi tali permess gie mitlub preventivament sabiex tkun tista' torganizza n-negozju li hija kellha fl-Italja hawn Malta.

Illi huwa pacifiku, u mill-provi jirrizulta, illi r-rikorrenti fl-ewwel perjodu li giet Malta kienet tikri fond u eventwalment xtrat fond iehor.

Illi biex persuna tigi ezentata milli thallas it-taxxa ta' registrazzjoni fuq vettura li tkun ghadha ma ngabitx hawn Malta, hija trid tapplika mhux aktar kmieni minn xaharejn minn meta titrasferixxi r-residenza taghha hawn Malta u mhux iktar tard minn tnax-il xahar minn tali trasferiment. Issa mill-atti jirrizulta illi r-rikorenti issottomettiet l-applikazzjoni taghha ghall-ezenzjoni fid-29 ta' Lulju 2015. Dan ifisser illi jekk jigi stabbilit illi hija kienet diga` residenti hawn Malta qabel id-29 ta' Lulju 2014 allura l-applikazzjoni taghha hija wahda tardiva, filwaqt li jekk jigi stabbilit illi hija ttrasferiet ir-residenza taghha

f'Marzu 2015, kif sostnut minnha, allura hija tkun ipprezentat l-applikazzjoni entro t-terminu tat-tnax-il xahar.

Illi ai termini tar-Regolament 2 tal-Legislazzjoni 368.01 (Regoli Dwar Ezenzjoni Mit-Taxxa tar-Registrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur) "trasferiment ta' residenza" tfisser it-trasferiment attwali tar-residenza normali ta' persuna minn post barra minn Malta ghal post f'Malta. Min-naha l-ohra "residenza normali" ghandha l-istess tifsira moghtija lilha fl-artikolu 18(5) tal-Att (l-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur) u cioe` *"il-post fejn persuna tgħix għallinqas 185 ġurnata f'kull sena, minħabba rbit personali u vokazzjonali, jew, fil-każ ta' persuna li ma għandha l-ebda rbit vokazzjonali, minħabba rbit personali."*

Illi jirrizulta illi l-Ministeru intimat ghamel verifiki ulterjuri permezz ta' e-mail dwar id-data ta' trasferiment tar-residenza normali u dan billi staqsa lill-istess rikorrenti biex tindika d-data ta' meta sar tali trasferiment fejn fil-fatt ir-rikorrenti kienet ikkonfermat permezz ta' e-mail ohra s-segwenti "*I have applied and received my residence card back in June 2014, however at that time I was still living in Italy, until March 2015, as indicated in the Certificate of Residence issued by the Comune di Napoli."*[9]

Illi t-Tribunal ra l-imsemmi certifikat li jinsab esebit bhala Dok B a fol. 7 tal-process. Mill-istess certifikat jirrizulta illi r-rikorrenti *"e` iscritta ghall'A.I.R.E*[10]*. dal 28/07/2014 residente a San Pawl il-Bahar Malta".* Dan ir-Registru gie stabbilit bil-Ligi numru 470 tas-27 ta' Ottubru 1988 ("Anagrafe e censimento degli italiani all´ estero"), liema Ligi tobbliga lic-cittadini Taljani li jirregistraw mal-istess Registru jekk ikunu se jghixu barra mill-Italja ghal iktar minn tnax-il xahar. Illi mill-istess Certifikat esebit jirrizulta illi tali iskrizzjoni fir-Registru msemmi saret fit-28 ta' Lulju 2014. Dan kollu jitfa dawl u jsahhah l-argument tal-Bord illi r-rikorenti ma haditx ir-residenza taghha f'Marzu 2015 izda ferm qabel, tant li f'Lulju 2014 kienet diga irregistrat ruhha fir-Registru msemmi hawn fuq. Id-data mnizzla fuq in-naha t'isfel tal-istess certifikat mahrug mill-Comune di Napoli, u cioe` l-25 ta' Marzu 2015, mhix id-data li fiha r-rikorrenti tnizzlet fir-Registru izda hija d-data meta inharget kopja tal-istess certifikat.

[9] Dok C a fol. 10
[10] Registru tac-cittadini Taljani residenti barra mill-Italja

Illi ghaldaqstant, meta t-Tribunal qies il-provi kollha prodotti, huwa tal-fehma illi r-rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova illi hija hadet ir-residenza normali taghha hawn Malta f'Marzu 2015. Bil-kontra, ic-certifikat tal-A.I.R.E. minnha esebit u wkoll il-fatt li applikat ghall-permess ta' residenza f'Gunju 2014 jimmilitaw kontra l-argumenti mressqa minnha. Min-naha l-ohra, it-Tribunal jaqbel mas-sottomissjoni tad-difensur tar-rikorrenti illi sabiex wiehed japplika ghall-ezenzjoni mhux tassattiv li tkun fil-pussess ta' permess ta' residenza. Pero` min-naha l-ohra ma jaqbilx li ladarba tkun fil-pussess ta' tali permess dan ma jkun ifisser xejn jew inkella jinghata l-interpretazzjoni li wiehed ikun jaqbillu, jew kif u meta jaqbillu. La darba persuna tottjeni l-permess ta' residenza dan ifisser li hi tkun residenti hawn Malta, ghaliex altrimenti s-sinjifikat u l-iskop tal-legislatur fl-ghoti ta' tali permess jisfuma fix-xejn.

Ghaldaqstant, it-Tribunal iqis li d-decizjoni tal-Bord kienet wahda gusta u ekwa fic-cirkostanzi.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Ministeru intimat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**